**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**Spettur Louise Vella**
**V**

**MICHAEL ANGELO MAMO**
**RUBY RITCHIE**

**Illum, 27 ta' Gunju, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **MICHAEL ANGELO MAMO** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Emanuel u Louise Ann nee Robbyshaw, imwieled l-Isla nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April, 1972 u joqghod 6, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta jew 114, Triq St. Albert, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 183772M u **RUBY RITCHIE** ta' tmienja w ghoxrin sena bint Edgar Ritchie u Janet nee Rainer, imwielda Pieta nhar t-tlieta ta' Ottubru, 1972 u toqghod 6, Flat 8, Triq San Nikola, Valletta, detentrici tal-karta tal-identita numru 433772M gew imressqa quddiemha akkuzati

**MICHAEL ANGELO MAMO** talli nhar s-sbatax ta' Ottubru, 2000 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li gew maghmula minnu b'risoluzzjoni wahda, minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shaun Ritchie ta' erbgha snin skond kif ccertifikaw Doctor Kevin Zammit MD, Mr Charles Sciberras u Dottor D. Soler tal-isptar San Luqa u dan ai termini tal-artikoli 214, 218 u 128 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Shaun Ritchie kif ccertifika Doctor John Grech Hardie tal-isptar San Luqa (sezzjoni tal-Oftalmologija) u dan bi ksur tal-alrtikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**RUBY RITCHIE** talli nhar s-sbatax ta' Ottubru, 2000 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li gew maghmula minnu b'risoluzzjoni wahda, minghajr l-hsieb li joqtol jew jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shaun Ritchie ta' erbgha snin skond kif ccertifikaw Doctor Kevin Zammit MD, Mr Charles Sciberras u Dottor

D. Soler tal-isptar San Luqa billi b'xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lil Michael Angelo Mamo fl-atti tad-delitt li bihom d-delitt ikun gie ppreparat jew kkunsmat u dan kollu bi ksur tal-artikoli 214, 218 u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-artikolu 42(d), 45(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli meta kienet fid-dmir li tiehu hsieb il-wild taghha u cioe Shaun Ritchie ta' erbgha snin, naqset li taghmel dan bi ksur tal-artikolu 339(j) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta mal-imputat Michael Angelo Mamo bhala recidiv u dan talli nhar s-sbatax ta' Marzu, 1997 gie misjub hati ta' serq aggravat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'Awla 6 u talli nhar s-sbatax ta' Marzu, 2000 gie misjub hati li kkaguna griehi ta' natura gravi mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta f'Awla 1 preseduta mill-Magistrat Dottor Antonio Mizzi.

Il-Qorti giet wkoll mitluba tittratta mal-imputata Ruby Ritchie bhala recidiva u dan talli nhar l-erbatax ta' Lulju, 2000 giet misjuba hatja ta' holqien qarrieqi ta' provi foloz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dottor Miriam Hayman.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna tal-minorenni Shaun Ritchie taht dawk l-kundizzjonijiet li jidrhilha xieraq.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 2001.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat Michael Angelo Mamo jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat l-atti tal-process.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fl-udjenza tal-hmistax ta' Gunju, 2001.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega principalment li l-imputati kkagunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Shaun Ritchie oltre feriti ta' natura hfief, u l-imputata Ruby Ritchie, meta kienet fid-dmir li tiehu hsieb il-wild taghha u cioe Shaun Ritchie ta' erbgha snin, naqset li taghmel dan. Fis-sbatax ta' Ottubru, 2000 ghall-habta tas-

sebgha w nofs ta' filghaxija l-Ufficjal Prosekutur kien gie nfurmat mit-Taqsima tal-Emergenza tal-isptar San Luqa li kien ghadu kemm ddahhal tifel ta' erbgha snin li kellu diversi ksur f'gismu u griehi ohra li kien jisssuspetta li ma sarux accidentalment. Huwa ghalhekk mar fuq il-post u sab lil minuri Shaun Ritchie ma ommu l-imputata u l-partner taghha Michael Angelo Mamo, il-ko-akkuzat. Huwa arresthom u minnufih beda jinvestighom. L-imputata Ruby Ritchie nhar s-sbatax ta' Ottubru, 2000 rrilaxxjat stqarrija li tinsab esibita fl'atti bhala dokument CSH 4 a fol 17 u l-imputat Michael Angelo Mamo rrilaxxja stqarrija nhar t-tmintax ta' Ottubru, 2000 li giet mmarkata bhala dokument CSH 5 a fol 22 tal-atti.

Minn ezami ta' dawn l-istqarrijiet, jirrizultaw is-segwenti fatti.

Illi l-imputata Ruby Ritchie hija xebba u ghandha hamest itfal, l-zghar wiehed l-allegat vittma Shuan ta' erbgha snin u li fil-mument tal-investigazzjoni stqarret li kellha relazzjoni mal-ko-akkuzat tant li kienet tqila minnu bis-sitt tarbija taghha. Ruby Ritchie stqarret li kienet ilha tghix mal-ko-akkuzat pero binha Shaun kien ilu maghha biss ghal madwar xahar u nofs ghaliex qabel kien f'Istitut ma huh.

Dakinhar tas-sbatax ta' Ottubru, 2000 hija harget mid-dar ghall-habta tad-disgha w nofs ta' filghodu sabiex tmur id-Detox peress li ghandha problema ta' tossikodipendenza u halliet lil binha Shaun imqajjem ma Michael Angelo Mamo. Hija waslet d-dar ghall-habta ta' nofsinhar. It-tifel dakinhar kien fis-salott jara t-television u hi u Michael Angelo qadu jahslu l-hwejjeg. Waqt li kienet qed tonxor il-hwejjeg, Michael Angelo mar fuqha u qalilha li Shaun ma bedhix jccaqlaq idu u meta idu tigi mimsusa, jibda jibki. Huma ghalhekk flimkien hadu lit-tifef Shaun l-isptar u qalulhom li t-tifel kellu idu miksura.

Ruby Ritchie qalet li meta staqsiet lil Michael Angelo kif weggha binha dan qalilha li t-tifel waqa, habat mat-television u gie b'idejh wara daru. Ikkonfermat li hija thalli lil binha wahdu ma Michael Angelo Mamo kull meta jkollha bzonn xi qadja. Qalet wkoll li kienet taf li Shaun kellu grif fuq ghonqu u meta staqsiet lil Michael Angelo dwarhom, dan qalilha li kien jaqbdu minn ghonqu u jigifru bid-dwiefer tieghu. Qalet wkoll li kienet taf dwar d-daqqiet li Michael Angelo kien jaghti lif-tifel fuq il-warrani tieghu. Ruby Ritchie kkonfermat li s-swat gieli kien isir fil-presenza taghha ghalkemm qalet li s-swat ma kienx ikun "swat tal-kbar". Mistoqsija ghaliex

Michael Angelo kien jsawwat lil Shaun, Ruby Ritchie wiegbet "*ghaliex t-tifel kien jaqbad mal-kelba u jwegghha.*"

Michael Angelo Mamo fl-istqarrija tieghu jikkonferma fil-parti l-kbira dak li xehdet Ruby Ritchie fis-sens li kienu ilhom jghixu flimkien ghaxar xhur u li maghhom ricentement kien jghix Shaun, bin Ruby Ritchie.

Dakinhar tas-sbatax ta' Ottubru, 2000 Michael Angelo Mamo jghid li mar jipprova jfittex x-xoghol il-Belt hdejn is-Suq u halla lil Shaun d-dar wahdu. F'xi hin ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu huwa rritorna d-dar u sab lit-tifel jilghab mal-kelba, jaqbez u jigri. Fid-daqqa w l-hin Michael Angelo Mamo ma felhux aktar, qabdu u poggieh minn tulu fuq rkobbtejh u tah xi daqqiet fuq il-warrani tieghu, qajmu fuq saqajh dak il-hin, it-tifel ingibed lura, waqa fuq t-television u gie b'idejh ma daru mal-art. Qajjmu u poggieh fuq is-sufan. Huwa mar jkompli jahsel il-hwejjeg ma Ruby Ritchie. Meta Shaun beda jibki u jzomm idu, qal li beda jidghi u li staqsa lil Ruby Ritchie biex tilbes sabiex jwassluh l-Poliklinika. Stqarr li jkun ta' spiss wahdu mat-tifel u li gieli sawwtu, sahansitra darba anke quddiem Ruby Ritchie stess. Mistoqsi ghaliex kien jsawwat lit-tifel, Michael Angelo Mamo rrisponda li ghaliex it-tifel kien imur jigri ghand n-nies meta

johrog. Mistoqsi jafx li t-tifel kellu xi marki fuq gismu, Michael Angelo jghid li kien jaf u jiddeskrivi l-feriti. Dwar l-ferita li kellu fuq l-organu genitali tieghu jghid li darba minnhom il-kelba gidmitu hemmhekk, pero ma hassx li kellu jiehd lit-tifel ghand tabib. Dwar t-tbengila ta' fuq ghajnejh, qal li din sehhet meta kien qed jahslu fis-*shower* fejn zelaq u habat ghajnejh mal-*pipe*. Dwar il-grif ta' fuq ghonqu dawn saru minnu b'dufrejh meta jaqbdu minn ghonqu biex jzommu meta jigi biex jaqsamlu t-triq. Dwar il-marki fuq il-warrani tieghu jghid li dawn graw meta kien jsawwtu.

**L-imputat xehed** wkoll il-Qorti nhar l-erbatax ta' Gunju, 2001 u kkonferma l-istqarrija tieghu apparti li zied jaghti xi dettalji ohra.

Il-Prosekuzzjoni ressqet diversi tobba jixhdu dwar il-feriti li kellu l-minuri Shaun u cioe lil Doctor Kevin Zammit, Mr. Carmel Sciberras, Doctor Alex Sultana, Doctor John Gauci, Doctor Mario Scerri, Doctor John Grech Hardie u Doctor Doriette Soler li lkoll ddeskrivew d-diversi tbengil u feriti li kellu l-minuri Shaun Ritchie, liema feriti kienu kollha ta' natura hafifa apparti l-ksur tal-id li sar fis-sbatax ta' Ottubru, 2000 liema ferita kienet ta' natura gravi.

Dwar il-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni rigward t-tip ta' feriti li subixxa l-minuri Shaun Ritchie. Id-divergenza hija biss bejn dak li qed tallega l-Prosekuzzjoni u cioe li l-imputat Michael Angelo Mamo huwa l-awtur ta' dan id-delitt filwaqt li Ruby Ritchie hija l-komplici u dak li qed issostni d-Difiza u cioe li Michael Angelo Mamo ghamel dak li ghamel sabiex jikkorregi lit-tifel u li Ruby Ritchie m'ghandha x'taqsam xejn mal-ghemil ta' Michael Angelo Mamo peress li fil-fehma taghha ma hemmx komplicita passiva.

Illi ghalhekk a bazi ta' din id-dikjarazzjoni u cioe li fil-ligi nostrana ma hemmx komplicita passiva il-Qorti thoss li ghandha tispjiega l-posizzjoni legali dwar il-komplicita f'dan il-kaz. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Settembru, 1956*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Dalli** fejn il-kompjant ***Imhallef William Harding*** spjiega li sabiex ikun hemm komplicita negattiva jehtieg:

a. li l-pretiz komplici jkun presenti waqt l-att voluntarjament;
b. li jkun effettivament ra l-att jigi kommess;
c. li kien dover tieghu li setgha jimedixxi l-att;

d. li fil-fatt la impedih u lanqas almenu iddisapprovah *hic et nunc.*

Illi dawn huma l-erbgha rekwiziti necessarji ghal komplicita permezz ta' ommissjoni u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-ommissjoni generalment hija meqjusa bhala mezz indirett li tinkoraggixxi lil dawk li qed jikkommettu d-delitt.

Il-principju fil-komplicita hu kif meqjus minn l-awtur Ingliz **Glanville William** fil-ktieb tieghu ***Textbook of Criminal Law*** (pagna 346) fejn jinghad li:

> "*A person does not become an accessory merely by failing to prevent an offence, I am not my brothers keeper. This is so however morally culpable the defendant was*."

Dan il-principju generali pero ghandu l-eccezzjonijiet tieghu meta persuna tkun legalment responsabbli sabiex tintervjeni f'sitwazzjoni potenzjalment ta' hsara jew kontra il-kommissjoni ta' reat maghmul lilu, ghaliex nuqqas ta' agir f'dawn ic-cirkostanzi, jghamlu lil persuna komplici fil-hsara li tirrizulta.

Il-ligi taghna ssemmi sitwazzjonijiet fejn att ta' ommissjoni, ghalkemm ma jammontax ghal komplicita, jammonta ghar-reat fih innifsu. F'kazijiet ta' atti ta' kommissjoni l-malvivent jaghmel dak li l-ligi tipprojbih milli jaghmel filwaqt li f'att ta' ommissjoni il-malvivent ma jghamilx dak li l-ligi tobbligah li jaghmel f'sitwazzjoni partikolari. Illi dan il-hsieb gie konfermat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' April, 1994*** fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Dottor Lawrence Pullicino** fejn gie deciz li bil-presenza tal-Kummissarju tal-Pulizija fil-kamra fejn l-arrestat kien qed jigi interrogat w imsawwat minn pulizija bi grad inqas kellu dan l-obbligu li jimpedixxi reat li ma jzirx billi jissorvelja li ma jigix kommess, il-presenza tieghu kienet qed tirrendi lilu nnifsu komplici fid-delitt.

Dwar komplicita negattiva il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija ***nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Gunju, 1958*** fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v Agatha Barbara et*** fejn l-istess Agatha Barbara kienet giet kkundannata tnejn u tletin jum prigunerija meta **l-Imhallef William Harding spjiega** li f'certi cirkostanzi tezisti l-komplicita passiva u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha ticcita parti rilevanti mis-sentenza citata.

*"Ghall-komplicita hemm bzonn tal-element intenzjonali; izda hu rikonoxxut li din l-intenzjoni tista titwieled dak il-hin stess li jigru l-avvenimenti. Huwa veru wkoll li ma tinghatax komplicita negattiva jigifieri li ma jkunx komplici dak li jkun semplicement u materjalment presenti ghall-kommissjoni ta' reat u ma jaghmel xejn biex jimpedih; imma jekk ic-cirkostanzi juru li l-presenza tieghu ma kienetx semplicement materjali, u li dik il-presenza kienet akkumpanjata minn attijiet li rrendew possibbli l-kommissjoni tar-reat, allura hemm il-komplicita. U tabilhaqq, il-ligi tikkunsidra bhala komplici lil min, fost kazi ohra, b'xi mod li jkun, xjentement jghin jew jassisti l-awtur tad-delitt fl-attijiet li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew kkunsmat; imma ghas-soluzzjoni tal-punt jekk tirrikorrix din il-forma ta' komplicita, ghandu jinzamm presenti l-principju li ma hux mehtieg li jigi ppruvat li kien hemm xi prekoncett formali u preliminari bejn l-ezekuturi tal-fatt difettuz u l-komplici minn dejjem segwit fis-sistema legali malti, u l-principju l-iehor li l-fatt li zewg persuni jew aktar ikunu qeghdin jagixxu flimkien u in komun ghall-ezekuzzjoni ta'*

*skop apparentement kriminali hu haga li tigi argumentata, u tista tirrizulta mill-attijiet singoli ta' dawk il-persuni: anzi larament jissucciedi li l-fatt attwali tal-kumpanija jista jigu ppruvat b'xhieda diretti, billi ftehim simili uzwalment isir bil-heffa u segretezza; u ghalhekk ssir necessarja l-prova ndizjarja.*

*Il-fatt li l-imputat ta' komplicita ma qalx kliem ta' intimidazzjoni, ma hux rilevanti ghaliex hu ammess fil-gurisprudenza segwita mill-Qrati ta' Malta, li anke s-semplici presenza meta ma hix dik ta' wiehed li jkun qieghed biss jhares bl-indifferenza, tista tammonta ghall-komplicita meta ikun b'xi mod iffacilitat r-reat jew intimidiet is-suggett passiv, jew b'xi mod iehor kienet effikaci. Xejn ma jimporta li l-presenza tal-komplici kienet att negattiv ghax ghalkemm ma hix ammessa l-komplicita negattiva, hi pero ammessa mill-Qrati l-komplicita permezz ta' atti negattivi, billi allura l-komplici ma jkunx semplici spettatur indifferenti.*

*L-argument illi l-komplici anke kieku setgha jiddisapprova l-agir kriminuz, ma setgha jahgmel xejn,*

*ma jikkonvincix. Huwa apprezzabbli li l-inazzjoni wahedha ma hix per se komplicita, imma huwa wkoll apprezzabbli illi, meta dik l-inazzjoni titqies fuq l-isfond tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tista tkun indizzju qawwi ta' partecipazzjoni fi skop komuni. U tabilhaqq, l-fatt li persuna kienet voluntarjament presenti u rat reat jigi kommess, u ma opponitx ruhha ghall-kommissjoni tieghu, meta kien ragjonevolment mistenni li hija timpedih, u setghet timpedih, jew almenu ma espremitx d-disapprovazzjoni taghha, jista f'certi cirkostanzi jservi ta' prova qawwija li voluntarjaemnt inkoraggiet u hekk ghenet u ffacilitat l-kommissjoni tar-reat.*"

L-Avukat Difensur sostna li sabiex jezisti l-komplicita hemm bzonn ta' bilfors li jkun hemm *a common design*. Bir-rispett kollu lejn l-Avukat Difensur, il-Qorti ma taqbilx ma din it-tesi. Fil-fatt mill-***Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Carm Lino Agius fis-sentenza moghtija nhar s-sbatax ta' Jannar, 1992***, fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmela Aquilina** gie deciz li l-komplicita mhux bilfors tirrikjedi ftehim bejn l-awtur u l-komplici. Infatti persuna tista tghin jew tassisti lil awtur tad-delitt kemm b'partecipazzjoni attiva kif wkoll b'dik passiva, specjalment meta l-att ikun essenzjalment att ta'

ommissjoni.  Fil-fatt huwa iccita fis-sentenza tieghu mill-ktieb ***Trattato di Diritto Penale [Ed. 1950 - Vol II - pg 518]*** tal-ktieb penalista famuz **Manzini** fejn jghid :

> "*Ma non sempre e' indispensabile un accordo qualsiasi. Si puo' concorrere in un stesso reato anche senza che vi sia accordo tra i vari conrrenti.  Cio che occorre e' che ciascun concorrente voglia lo stesso reato e apparti la propria azione nella commissione del medesimo, anche se gli altri concorrenti ignorino codesto apporto.*"

Ghalkemm il-persuna komuni mhiex legalment tenuta li tintervjeni fil-kommissjoni ta' delitt, izda hija tenuta biss li b'referenza ghal certi delitt li tikkopera u tghin lil pulizija billi tghaddi informazzjoni, f'certi delitti ohrajn hemm certi kategorji li nies li huma obbligati li jintervjenu.  Id-doveri taghhom li jintervjenu forsi mhux esspressament miktuba fil-ligi, izda tista tigi inferita b'mod gustifikat.  Per ezempju, fil-kaz in ezami minn ma jiehux hsieb lil uliedu jista jinsab hati ta' dak li hemm dispost fl-artikolu 339(j) tal-Kap 9 u ghalhekk minn ma jiehux hsieb lil uliedu hu hati ta' kontravenzjoni.  Il-htija tissusisti rrispettivament jekk l-wild jsofrix ferita jew le bhala rizultat tat-traskuragni u abbandun tal-genituri.

Meta ser tigi kommessa ferita fuq wild, il-genitur ghandu d-dover li jintervjeni sabiex ma jsirx. Fil-kaz **Gibson v Gibson [1984], Cross Jones v Carol [Introduction to Criminal Law - II Edition 1988]** jinghad li :

> "*A parent who stands by and watches someone to commit an offence against his child, which he could reasonably prevent, may be convicted as an accomplice to that offence, because he would be under a duty to take reasonable steps to intervene whereas a stranger could not.*"

Anke fil-kaz **Australia R v Russell 1933;**

> **"***The husband who stood by inactively watching his wife drown their child was found guilty of guilt of abetting the homicide since his ommission to intervene was considered to have encouraged the wife's act* ***(Criminal Law - 6th Edition 1991 LB Curzan Pitman Publishing).***

Issa rigward il-kaz in ezami jirrizulta bla dubbju ta' xejn li l-imputat Michael Angelo Mamo huwa responsabbli ghall-ferita gravi li

subixxa il-minuri Shaun Ritchie nhar s-sbatax ta' Ottubru, 2000, stante li l-istess ferita giet subita minhabba l-forza fizika li huwa uza fuq it-tifel meta sawwtu fuq il-warrani tieghu, tant li t-tifel ma felahx joqghod fuq saqajh, waqa u laqghat t-television. L-imputat Michael Angelo Mamo meta ra hekk lanqas ma ta' kaz ghaliex kif qal hu fl-istqarrija tieghu, beda jidghi u mar jkompli jaghmel il-hasla ma Ruby Ritchie, ghaliex kienet taf li Michael Angelo Mamo jsawwat lit-tifel u m'ghamlet xejn sabiex timpedixxi dan l-agir tieghu.

L-imputata Ruby Ritchie ghar-ragunijiet fuq imsemmija ma hemmx dubbju li hija komplici fir-reat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' binha Shaun Ritchie.

Illi dwar t-tieni akkuza u cioe li Michael Angelo Mamo kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq l-istess minuri Shaun Ritchie, dan jirrizulta wkoll mill-ammissjoni tal-istess, oltre li tirrizulta ppruvata ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti mill-atti, waqt li Ruby Ritchie, omm t-tifel minuri, kienet ben konxja ta' dawn il-feriti li kienu qed isiru u m'ghamlet xejn sabiex timpedihom milli jkomplu jsiru u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija hija komplici ta' din t-tieni akkuza.

Illi l-imputata Ruby Ritchie hija wkoll hatja tal-kontravenzjoni komtemplata fl-artikolu 339(j) tal-Kap 9 u cioe li naqset li tiehu hsieb lil binha Shaun Ritchie meta kienet fid-dmir li taghmel hekk.

Il-Qorti rat s-sentenza esibita fl-atti fl-atti a fol 166 markata bhala dokument MTC u cioe dik moghtija mill-***Qorti tal-Magistrati nhar t-tnax ta' Marzu, 2000*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michael Mamo** liema sentenza ma gietx konfermata fil-konfront tal-imputat u ghalhekk il-Qorti ma tistax titratta mal-imputat Michael Angelo Mamo bhala recidiv. In oltre, fil-konfront tal-imputata Ruby Ritchie, ma giet esibita ebda sentenza u ghalhekk il-Qorti ma tistax ssib liz-zewg imputati hatja talli huma recidivi u ghalhekk tilliberhom t-tnejn minn din l-akkuza.

Il-Qorti pero rat l-fedina penali tal-imputat Michael Angelo Mamo li tinsab esibita bhala dokument CSH a fol 8 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li mid-dsatax ta' Frar, 1988 sat-tmintax ta' Ottubru, 2000 l-imputat diga kellu tlettax il-*conviction* dwar diversi serqiet, ksur ta' paci pubblika, pussess ta' strument bil-ponta u li jaqta minghajr permess mahrug mill-Kummissarju tal-Pulizija, reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, hsara voluntarja u pussess ta' droga fejn inghata diversi cansijiet, meta gie kkundannat multa, probation u

pruginerija. Dan nonostante, l-imputat ma tghallimx u m'gharafx jisufruwixxi l-opportunitajiet moghtija lilu ghaliex reggha qieghed quddiem il-Qorti.

Fil-konfront tal-imputata Ruby Ritchie, il-Qorti rat wkoll l-fedina penali taghha li tinsab esibita a fol 145 tal-process markata bhala dokument LV. Minn ezami ta' din l-fedina penali jirrizulta li mis-sebgha ta' Novembru, 1996 sas-sebgha ta' Dicembru, 2000 hija kellha erbgha *convictions* dwar prostituzzjoni u li holqot tracci ta' reat meta r-reat ma kienx jezisti u li hija giet moghtija dejjem sentenzi ta' prigunerija.

In vista ta' dawn c-cirkostanzi, il-Qorti thoss lil ghandha taghti l-istess tip ta' piena fil-konfront tal-imputata RubyRitchie.

Ghalhekk filwaqt li tiddikjara li qed ssib lil imputat Michael Angelo Mamo hati tal-ewwel zewg akkuzi u lil imputata Ruby Ritchie hatja tal-ewwel zewg akkuzi bhala komplici u hatja tat-tielet akkuza, tiddikjara li ma ssibhomx hatja tal-akkuza ta' recidiva stante li din ma gietx ppruvata u ghalhekk tilliberhom minnha.

**Dwar il-piena, il-Qorti tikkundanna lil imputat MICHAEL ANGELO MAMO ghal perjodu ta' priginerija ta' tmintax il-xahar u lil imputata RUBY RITCHIE ghal perjodu ta' sena komplessivament ghaz-zewg akkuzi.**

**Inoltre, <u>il-Qorti qed tpoggi lil imputata Ruby Ritchie taht s-supervizjoni tal-Probation Officer Carmen Borg ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum</u>.**

**Oltre dan tikkundanna lil imputata Ruby Ritchie thallas l-ispejjes tal-espert Doctor Yves Muscat Barron lir-Registratur tal-Qorti fi zmien xahar minn meta hekk tigi interpellata mill-istess Registratur tal-Qorti.**

**Stante c-cirkostanzi <u>il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tad-Dipartiment tas-Social Welfare sabiex jipprovdi ghal kura tal-minorenni Shaun Ritchie u forsi ikun il-kaz li jissuggerixxi li tohrog care order mill-Ministru tal-Politika Socjali fuq dan il-minuri Shaun Ritchie.</u>**

**Conseulo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**